# Il-valutazzjoni tar-riskji u korrimenti bil-labar

## Introduzzjoni

Is-saħħa tal-ħaddiema, b'mod partikolari ta' dawk fis-settur tas-saħħa u fis-settur soċjali, hija f'riskju minn espożizzjoni għal patoġeni li jittieħdu permezz ta' taħlit ta' demm fuq il-post tax-xogħol, spiss permezz ta' korriment imġarrab minn ħaddiem. Korrimenti bħal dawn joħolqu tħassib minħabba li jistgħu jwasslu biex il-ħaddiem jiġi infettat minn patoġeni li jinġarru permezz tad-demm (vajrusijiet, batterji, fungi u mikrorganiżmi oħrajn[12]). Il-Vajrus tal-Immunodefiċjenza Umana (HIV) u l-epatite B (HBV) jew Ċ (HCV) huma l-aktar riskji komuni[3], iżda b'kollox hemm aktar minn 20 marda li jittieħdu permezz tad-demm, li jistgħu jiġu trasmessi.

Il-ħaddiema huma esposti għar-riskju ta' infezzjoni meta jiġu f'kuntatt ma' demm jew fluwidi oħrajn tal-ġisem tal-bniedem infettat meta dawn jiġu f'kuntatt ma' feriti jew ma' membrani mukużi. Tali kuntatt jista' jkun riżultat ta':

- Inokulazzjoni ta' demm b'labra jew b'oġġett ieħor li jaqta'
- Kontaminazzjoni ta' ġilda maqsuma bid-demm
- Bligħ aċċidentali ta' demm ta' persuna eż. wara risuxxitazzjoni minn ħalq għal ħalq
- Kontaminazzjoni fejn l-individwu jkollu ferita miftuħa, u l-ħwejjeġ ikunu xxarbu bid-demm
- Gidmiet (fejn il-ġilda hija maqsuma).[4]

Minħabba li l-aktar forma magħrufa ta' tali kuntatt hija permezz ta' ferita b'titqiba minn siringa, dawn l-inċidenti spiss issir referenza għalihom bħala "korrimenti b'siringi" jew "korrimenti bil-labar".

Minbarra dawn il-korrimenti, infezzjoni tista' sseħħ ukoll permezz ta' titjir ta' qtar ta' demm lejn membrana mukuża (eż. l-għajnejn jew il-ħalq). Din tista' sseħħ waqt kompiti ta' tindif bħal tindif bi pressa għolja ta' żona kkontaminata.

Mhumiex biss il-professjonisti mediċi li qegħdin f'riskju. Filwaqt li l-infermieri li jaħdmu f'sitwazzjonijiet mediċi akuti huma identifikati bħala li qegħdin fl-ogħla riskju, hemm ħafna ħaddiema oħrajn huma f'riskju ta' dawn il-korrimenti. Pereżempju, ħaddiema li jnaddfu spazji pubbliċi (eż. fuq ferroviji, jew ġonna pubbliċi) jistgħu jiltaqgħu ma' materjal li jkun ikkontaminat bi fluwidi tal-ġisem bħal labar użati minn persuni li jinjettaw id-droga fil-vini.

Oqsma identifikati oħrajn fejn il-ħaddiema jistgħu jkunu f'riskju jinkludu:

- Servizzi tal-ħabs u ta' probazzjoni

- Servizzi tal-pulizija u s-sigurtà
- Servizzi tad-dwana
- Ħaddiema fil-qasam tas-servizzi soċjali u nies li jaħdmu maż-żgħażagħ
- L-industrija tal-funerali
- L-industrija tat-titqib fil-ġisem għall-imsielet u t-tatwaġġi
- Ir-rimi tal-iskart u
- L-industrija tal-kostruzzjoni/demolizzjoni.[5]

Huwa diffiċli li jiġi kkalkulat il-livell tar-riskju ta' infezzjoni għall-ħaddiema minħabba li hemm nuqqas kbir ta' rappurtaġġ ta' korrimenti bil-labar u jista' jkun li l-miżuri ta' sorveljanza tas-saħħa ma jkunux fis-seħħ. L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tikkalkula li madwar 3 miljuni mill-35 miljun ħaddiem fil-qasam tal-kura tas-saħħa madwar id-dinja huma esposti għal patoġeni li jinġarru permezz tad-demm kull sena[6]

Ir-riskju wara espożizzjoni għal demm infettat kien stmat bħala:
- Epatite B (riskju ~30%)
- Epatite Ċ (riskju ~10%)
- HIV (riskju ~0.3%)[7]

## Il-prevenzjoni tal-periklu – l-approċċ Ewropew

Fl-UE, jeżisti approċċ ta' prevenzjoni komuni għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Dan l-approċċ huwa stipulat fid-direttiva "qafas" (89/391/KEE[8]) u d-direttivi relatati, u jistabbilixxi l-"prinċipji ġenerali tal-prevenzjoni" tar-riskji għall-ħaddiema:
- evitar tar-riskji
- valutazzjoni tal-bqija tar-riskji
- ġlieda kontra r-riskji f'ras il-għajn
- adattament tax-xogħol għall-individwu
- adattament għall-progress tekniku
- sostituzzjoni tal-metodi perikolużi b'dawk li mhumiex jew li huma inqas perikolużi
- żvilupp ta' politika ġenerali ta' prevenzjoni
- preferenza għal miżuri kollettivi milli metodi individwali
- struzzjonijiet lill-ħaddiema

Id-direttiva qafas ġiet trasposta f'leġiżlazzjoni nazzjonali. Madankollu, l-Istati Membri għandhom id-dritt li jippromulgaw dispożizzjonijiet aktar stretti biex iħarsu lill-ħaddiema tagħhom (jekk jogħġbok ikkonsulta l-leġiżlazzjoni speċifika ta' pajjiżek).

Id-direttiva dwar l-aġenti bijoloġiċi (2000/54/KE) li tagħti informazzjoni aktar speċifika dwar il-valutazzjoni, il-prevenzjoni u l-kontroll tar-riskji minn aġenti bijoloġiċi[9] ukoll ġiet trasposta fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri.

# Il-valutazzjoni tar-riskji

## X'inhi l-valutazzjoni tar-riskji?

Il-valutazzjoni tar-riskji tikkostitwixxi l-proċess tal-evalwazzjoni tar-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema minn perikli fuq il-post tax-xogħol. Hija eżami sistematika tal-aspetti kollha tax-xogħol li tikkunsidra:

- x'jista' jikkawża korriment jew ħsara,
- jekk il-perikli jistgħux jiġu eliminati u, jekk le,
- x'miżuri preventivi jew protettivi hemm, jew għandu jkun hemm, fis-seħħ biex jiġu kkontrollati r-riskji[10].

Dawk li jħaddmu għandhom dover ġenerali li jassiguraw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema f'kull aspett relatat max-xogħol u li jwettqu valutazzjoni tar-riskji. Id-direttiva qafas tal-UE tagħmel enfasi fuq ir-rwol prinċipali li għandha l-valutazzjoni tar-riskji u tistabbilixxi dispożizzjonijiet bażiċi li għandhom jiġu segwiti minn kull min iħaddem. Madankollu, l-Istati Membri għandhom id-dritt li jippromulgaw dispożizzjonijiet aktar stretti biex iħarsu lill-ħaddiema tagħhom (jekk jogħġbok ikkonsulta l-leġiżlazzjoni speċifika ta' pajjiżek).

## Għaliex għandha titwettaq valutazzjoni tar-riskji?

Il-valutazzjoni tar-riskji hija l-bażi għal ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà ta' suċċess, u ċ-ċavetta għat-tnaqqis tal-inċidenti relatati max-xogħol u l-mard ikkawżat mix-xogħol. Jekk tiġi implimentata sewwa, il-valutazzjoni tar-riskji tista' ttejjeb is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol — u l-prestazzjoni tan-negozju b'mod ġenerali.

## Kif għandek tivvaluta r-riskji

Il-prinċipji ta' gwida li għandhom jiġu kkunsidrati matul il-proċess tal-valutazzjoni tar-riskji[i] jistgħu jinqasmu f'sensiela ta' fażijiet.

### Fażi 1 — L-identifikazzjoni tal-perikli u ta' dawk fir-riskju

It-tfittxija għal dawk l-affarijiet fuq il-post tax-xogħol li għandhom il-potenzjal li jikkawżaw ħsara, u l-identifikazzjoni tal-ħaddiema li jistgħu jkunu esposti għall-perikli.

### Ħaddiema li jistgħu jkunu f'riskju akbar

- Ħaddiema b'diżabilitajiet
- Ħaddiema migranti
- Ħaddiema żgħażagħ u anzjani

[i] Kemm jekk il-proċess tal-valutazzjoni tar-riskji f'pajjiżek huwa maqsum f'aktar jew f'inqas fażijiet, jew saħansitra jekk uħud mill-ħames fażijiet huma differenti, il-prinċipji ta' gwida għandhom jibqgħu l-istess.

- Nisa tqal u ommijiet li qegħdin ireddgħu
- Impjegati mhux imħarrġa jew bla esperjenza
- Ħaddiema tal-manutenzjoni
- Ħaddiema b'sistema immunitarja kompromessa
- Ħaddiema b'kundizzjonijiet ta' mard eżistenti bħall-bronkite
- Ħaddiema li jirċievu trattament mediku li jistgħu iżidu l-vulnerabbiltà tagħhom għall-ħsara

**Fażi 2 — L-evalwazzjoni u l-prijoritizzazzjoni tar-riskji**
L-istima tar-riskji eżistenti (il-gravità tagħhom, il-probabbiltà tagħhom, eċċ.) u l-prijoritizzazzjoni tagħhom f'ordni ta' importanza. Huwa essenzjali li tiġi prijoritizzata l-ħidma li trid issir sabiex jiġu eliminati jew evitati r-riskji.

**Fażi 3 — It-teħid ta' deċiżjoni dwar azzjoni preventiva**
L-identifikazzjoni tal-miżuri xierqa sabiex jiġu eliminati jew ikkontrollati r-riskji.

**Fażi 4 — It-teħid ta' azzjoni**
L-implimentazzjoni tal-miżuri preventivi u protettivi permezz ta' pjan ta' prijoritizzazzjoni (wisq probabbli li l-problemi kollha ma jistgħux jiġu riżolti immedjatament) u li jiġi speċifikat min jagħmel xiex u meta, meta trid titlesta biċċa xogħol u l-mezzi allokati biex jiġu implimentati l-miżuri.

**Fażi 5 — Il-monitoraġġ u r-reviżjoni**
Il-valutazzjoni għandha tiġi riveduta f'intervalli regolari biex ikun żgurat li din tibqa' aġġornata. Hija għandha tiġi riveduta kull meta jseħħu bidliet sinifikanti fl-organizzazzjoni jew bħala riżultat tas-sejbiet ta' inċident jew investigazzjoni ta' "*near miss*".

## L-involviment tal-ħaddiema u ta' persuni oħrajn li jħaddmu fil-proċess tal-valutazzjoni tar-riskji

Il-valutazzjonijiet tar-riskju m'għandhomx isiru minn min iħaddem jew mir-rappreżentanti ta' min iħaddem weħidhom. Huma għandhom jinvolvu lill-impjegati jew lir-rappreżentanti tagħhom. Il-ħaddiema għandhom jiġu kkonsultati bħala parti mill-proċess ta' valutazzjoni fih innifsu u jingħataw tagħrif dwar kwalunkwe konklużjoni li tintlaħaq, kif ukoll dwar il-miżuri preventivi li jridu jittieħdu.

Il-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom id-dritt/dover li:
- jiġu kkonsultati dwar l-arranġamenti għall-organizzazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskji u għall-ħatra ta' dawk li jwettqu l-kompitu;
- jipparteċipaw fil-valutazzjoni tar-riskji;
- iwissu lis-sorveljaturi tagħhom jew lil min iħaddimhom dwar ir-riskji previsti;

- jirrapportaw bidliet fuq il-post tax-xogħol;
- ikunu informati dwar ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom u dwar il-miżuri meħtieġa sabiex jiġu eliminati jew imnaqqsa dawn ir-riskji;
- jitolbu lil min iħaddimhom biex jieħu miżuri xierqa u biex jissottometti proposti ħalli jnaqqas il-perikli jew biex ineħħi l-periklu f'ras il-għajn;
- jikkooperaw biex jagħtu ċ-ċans lil min iħaddimhom jassigura ambjent tax-xogħol sikur;
- jiġu kkonsultati minn min iħaddimhom meta tiġi analizzata d-dokumentazzjoni tal-valutazzjonijiet.

Meta tiġi biex tagħmel il-valutazzjonijiet tar-riskju, għandek dejjem tikkunsidra l-preżenza potenzjali fuq il-post tax-xogħol ta' impjegati minn impriżi oħrajn (eż. ħaddiema fil-qasam tat-tindif, gwardji privati tas-sigurtà, ħaddiema tal-manutenzjoni) jew persuni barranin oħrajn (eż. klijenti, viżitaturi, persuni li jkunu għaddejjin minn post partikolari). Dawn għandhom jitqiesu bħala persuni f'riskju iżda għandha tingħata attenzjoni wkoll għal jekk il-preżenza tagħhom tistax tintroduċi riskji ġodda fil-post tax-xogħol.

Meta impjegati minn intrapriżi differenti jkunu jaħdmu fl-istess post tax-xogħol, evalwaturi minn kull persuna li tħaddem jistgħu jkollhom bżonn li jaqsmu informazzjoni dwar riskji u l-miżuri meħtieġa biex jiġu indirizzati dawk ir-riskji..

## Il-valutazzjoni tar-riskji u l-labar

Meta jiġu eżaminati r-riskji mil-labar, huwa essenzjali li jiġu identifikati l-ħaddiema kollha li jistgħu jkunu fil-periklu. L-infermieri u l-persunal mediku oħrajn jistgħu jkunu fl-akbar riskju, iżda dawk li jnaddfu, il-ħaddiema fis-settur tal-ħasil tal-ħwejjeġ, u ħaddiema oħrajn bħal tekniċi fil-laboratorji u studenti jistgħu huma wkoll ikunu f'riskju. Staqsi lill-ħaddiema kollha jekk qattx iltaqgħu ma' oġġetti li jaqtgħu fuq il-post tax-xogħol tagħhom.

Qis il-postijiet, is-sitwazzjonijiet, il-kompiti, u t-tagħmir kollu li jista' jwassal għat-trasmissjoni ta' patoġeni li jinġarru permezz tad-demm. Anki jekk l-infermieri li jużaw siringi f'sitwazzjonijiet mediċi akuti jistgħu jkunu fl-akbar riskju, qatt ma għandek tinsa s-sitwazzjonijiet potenzjali l-oħrajn kollha, bħal oġġett li jaqta' li jinqabad fi ħwejjeġ maħmuġin u l-espożizzjoni tal-ħaddiem fis-settur tal-ħasil tal-ħwejjeġ ta' kuntrattur barrani għar-riskju.

Filwaqt li l-eliminazzjoni tar-riskju ta' trasmissjoni ta' patoġeni li jinġarru permezz tad-demm permezz ta' korrimenti bil-labar hija diffiċli, b'mod partikolari fi stabbilimenti tal-kura tas-saħħa, jeżistu ħafna miżuri li jistgħu jnaqqsu r-riskju b'mod sostanzjali. Dawn il-miżuri għandhom l-ewwel iqisu l-mezzi kollettivi ta' prevenzjoni, pereżempju permezz tal-akkwist ta' siringi b'labar li jidħlu lura. Il-prevenzjoni personali (eż. ingwanti) hija l-aħħar

tentattiv meta r-riskju ma jkunx jista' jiġi kkontrollat b'mod adegwat permezz ta' mezzi oħrajn. It-tilqim għall-vajrus tal-epatite B huwa għażla[11], iżda ma jipprevenix it-trasmissjoni ta' patoġeni oħrajn li jittieħdu permezz tad-demm.

Jeħtieġ li l-miżuri kollha jiġu appoġġjati bl-għoti ta' informazzjoni u taħriġ, u b'konsulenza ma' dawk li ser ikollhom jagħmlu użu mill-miżuri protettivi.

Meta tiġi biex iddaħħal miżuri ġodda fis-seħħ, ara li ma jkunux qegħdin jinħolqu perikli ġodda. Kun ċar dwar min jagħmel xiex u meta, u kun żgur li r-riżorsi meħtieġa jkunu disponibbli. Firxa ta' miżuri (eż. għall-post tax-xogħol, l-organizzazzjoni tax-xogħol, it-tagħmir tax-xogħol, taħriġ) hija ħafna drabi l-aktar soluzzjoni effikaċi.

Min iħaddem għandu jkollu wkoll pjan ta' azzjoni f'każ ta' korriment ikkawżat minn labar. Dan għandu jiffoka fuq il-benesseri tal-ħaddiem ferut permezz ta' assistenza u konsulenza medika, iżda wkoll jagħti lok għal reviżjoni tal-miżuri preventivi biex wieħed jitgħallem minn dak l-avveniment. M'għandux ikun hemm "*blame culture*" (tiftix għal min għandu t-tort).

Il-miżuri li jistgħu jiġu kkunsidrati jinkludu:

- L-akkwist ta' tagħmir mediku aktar sikur bħal siringi b'labar li jinġibdu lura
- Kontroll aħjar tal-iskart mediku
- Kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba, bħal tidwil aħjar
- Titjib tal-organizzazzjoni tax-xogħol – pereżempju, l-indirizzar tal-għeja (eż. minn xifts twal) li tista' tkun fattur kawżali tal-ħsara għall-ħaddiema, u t-titjib tas-sorveljanza biex tiġi assigurata l-konformità mas-sistemi tax-xogħol
- Tagħmir protettiv personali
- Tilqim għall-vajrus tal-epatite B
- Sistemi ta' xogħol sikuri (ebda ħtieġa li l-labar jitgħattew b'kappa wara l-użu)
- Ir-rimi sikur ta' oġġetti li jaqtgħu u skart kliniku ieħor
- Taħriġ u informazzjoni

## Miżuri preventivi

Il-miżuri bażiċi għall-protezzjoni tal-ħaddiema minn patoġeni li jinġarru permezz tad-demm jinkludu:

- il-ħasil tal-idejn wara l-kuntatt ma' kull pazjent u wara l-kuntatt ma' demm jew fluwidi tal-ġisem.
- PPE (Tagħmir Protettiv Personali) xieraq
- għandhom jintużaw ingwanti li jintremew wara li jintużaw kull meta jsir xogħol b'kuntatt ma' demm jew fluwidi tal-ġisem.

- għandhom jintlibsu fradal tal-plastik/ġagagi li ma jgħaddix likwidu minnhom li jintremew wara l-użu meta jkun hemm titjir ta' demm jew ta' fluwidi tal-ġisem
- għandha tintlibes protezzjoni tal-għajnejn (viżieri, maskri, jew nuċċalijiet tas-sigurtà) meta demm, fluwidi tal-ġisem jew frak/tessut ikkontaminat itir jista' jiċċaflas fil-wiċċ
- il-kisi ta' qatgħat jew grif b'ġibs li jiflaħ għall-ilma
- rimi immedjat u sikur ta' oġġetti li jaqtgħu fi bramel apposta, li ma jittaqbux, għal oġġetti jaqtgħu
- ebda mili żejjed ta' reċipjenti ta' oġġetti jaqtgħu u
- ebda kisi mill-ġdid ta' labar[12]

Fil-każ ta' korriment jew ta' inċident li jinvolvi kontaminazzjoni b'oġġetti jaqtgħu:

- Oħroġ id-demm mill-ferita
- Aħsel il-ferita bis-sapun u ilma sħun (qatt ma għandek togħrok il-ferita)
- Għatti l-ferita b'faxxa (il-ġilda, l-għajnejn jew il-ħalq jitlaħalħu b'ħafna ilma)
- Kun żgur li l-oġġett li jaqta' jintrema mingħajr periklu, jiġifieri bl-użu ta' metodu fejn l-oġġett ma jintmessx għal ġo kontenitur apposta għal oġġetti li jaqtgħu
- Irrapporta l-inċident mill-ewwel lis-sorveljatur, u mur ma' xi ħadd għand it-tabib tiegħek[13],[14]

Tista' tittieħed aktar azzjoni immedjata, jiddependi mill-oriġini tal-labra/xafra, il-grad tal-espożizzjoni u jekk hemmx għarfien magħruf tal-pazjent/klijent.[15] Jekk trasmissjoni ta' infezzjoni hija probabbli, inti tista' tiġi ttrattat jew immonitorjat, skont il-kundizzjoni medika tiegħek u tas-sors tal-infezzjoni.[16]

## Studju tal-każ

Sptar kbir fil-Ġermanja kellu rata ta' bejn 0.41 u 0.98 korrimenti bil-labar għal kull ħaddiem fis-sena, iżda rrikonoxxa li kien hemm nuqqas fuq skala kbira ta' rappurtaġġ ta' korrimenti. Ittieħdu tliet approċċi biex titnaqqas l-inċidenza fi studju ta' sentejn:

- G1 – Użu ta' labar/siringi konvenzjonali
- G2 – Konsulenza u taħriġ
- G3 – Użu ta' taħriġ u strumenti ta' sigurtà

Instab li fl-istudji G1 u G2, kien hemm bidla sinifikanti żgħira fir-rati tal-inċidenza, filwaqt li fil-G3, ir-rata tal-inċidenza niżlet għal 3.6% minn madwar 10%, bl-inċidenti kollha kienu jinvolvu tagħmir konvenzjonali.

L-istudju kkonkluda li t-taħriġ u l-informazzjoni weħidhom mhumiex biżżejjed; hemm bżonn ukoll ta' titjib tekniku u taħriġ/edukazzjoni.

It-tagħmir tas-sigurtà pprovdut għandu jkun faċli biex jintuża u jiġi attivat, u għandhom jiġu pprovduti kontenituri għal rimi mingħajr periklu. Dan għandu jkun appoġġjat minn taħriġ tal-bidu u minn taħriġ kull tant żmien u l-monitoraġġ/reġistrazzjoni tal-inċidenti biex tiġi assigurata s-sostenibbiltà tal-miżuri.

## Referenzi:

[1] Tarantola et al, 'Infection risks following accidental exposure to blood or body fluids in health care workers: A review of pathogens transmitted in published cases'., *American journal of infection control* 2006; 34:367-375.
[2] Canadian Centre for Occupational Health and Safety, *OSH answers, Needlestick injuries*, http://www.ccohs.ca/oshanswers/diseases/needlestick_injuries.html
[3] Expert Advisory Group on AIDS and the Advisory Group on Hepatitis: *Guidance for clinical health care workers: protection against infection with blood-borne viruses: Recommendations of the Expert Advisory Group on AIDS and the Advisory Group on Hepatitis* 1998, http://www.dh.gov.uk/assetRoot/04/01/44/74/04014474.pdf
[4] Essex Health Protection Unit *Community Infection Control Guidelines Section E- Management of sharps injuries* http://www.hpa.org.uk/web/HPAwebFile/HPAweb_C/1194947344785

[5] Health and Safety Executive *needlestick injuries* (website) http://www.hse.gov.uk/healthservices/needlesticks/index.htm
[6] World Health Organisation (WHO) *The world health report*, 'Chapter 4 - Selected occupational risks' http://www.who.int/whr/2002/chapter4/en/index8.html
[7] International Council of Nurses, *ICN on Preventing Needlestick Injuries*, http://www.icn.ch/matters_needles.htm
[8] Council Directive 89/391/EEC of 12 June 1989 on the introduction of measures to encourage improvements in the safety and health of workers at work http://europa.eu/scadplus/leg/en/cha/c11113.htm
[9] Directive 2000/54/EC of the European Parliament and of the Council of 18 September 2000 on the protection of workers from risks related to exposure to biological agents at work (seventh individual directive within the meaning of Article 16(1) of Directive 89/391/EEC) http://eur-lex.europa.eu/smartapi/cgi/sga_doc?smartapi!celexapi!prod!CELEXnumdoc&lg=en&numdoc=32000L0054&model=guichett
[10] *Guidance on risk assessment at work,* Luxembourg: Office for Official Publications of the European Communities, 1996
[11] RAS *Protocol prikaccidenten voor schoonmaak werkzaamheden (Protocol needle stick injuries during cleaning activities). 2006,* (Dutch), http://www.zowerkjeprettiger.nl/content/files/Protocol%20Prikaccidenten%20-%20voor%20schoonmaakwerkzaamheden.pdf
[12] Health and Safety Executive *Needle sticks* http://www.hse.gov.uk/healthservices/needlesticks/index.htm
[13] Essex Health Protection Unit *Community Infection Control Guidelines Section E- Management of sharps injuries* http://www.hpa.org.uk/web/HPAwebFile/HPAweb_C/1194947344785

[14] Ras *informatieposter en arbozakboekje over omgaan met prikaccidenten (Poster and information leaflet: how to handle needle stick injuries)*, (Dutch),
[15] Essex Health Protection Unit *Community Infection Control Guidelines* 'Section E- Management of sharps injuries' http://www.hpa.org.uk/web/HPAwebFile/HPAweb_C/1194947344785

[16] Landelijke coördinatiestructuur infectieziektebestrijding. *Draaiboek Prikaccidenten, Maatregelen bij accidenteel contact met bloed of andere lichaamsvloeistoffen die tot infectie met HBV, HCV of HIV kunnen leiden (scenario needle stick injuries, measures when accidental blood contact or contact with other body fluids may cause HBV, HCV or HIV infections. 2005, (Dutch),* http://www.infectieziekten.info/bestanden/protocollen/Prikaccidenten_draaiboek_jul05.pdf )